MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Numru. 11/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Anthony Cassar**

Kaz Numru: 11/2013

Illum 3 ta’ Lulju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Cassar**, bin Anthony u Josephine neé Caruana, imwieled fid-29 ta’ Lulju 1961, residenti fil-fond Villa Pergola, Triq tal-Pergla, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-

Identita' bin-Numru 36061(G), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer:

1. b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'Dicembru 2012 u fit-tmien xhur ta' qabel meta hekk marbut b'kuntratt tas-separazzjoni datat 21 ta' Novembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dr. Josette Spiteri Cauchi naqas li jaghti lil martu Bella Claudia Nicoletta Cassar is-somma stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal binhom Nicholas Cassar fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont dak il-kuntratt kellu jhallas dik is-somma.

Rat l-atti processwali kollha, inkluz id-dokumenti ezebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti fuq ir-reat kontravvenzjonali ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment. Dan ir-reat jipprefiggi l-ksur tal-osservanza ta' Ordni tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja, sew jekk moghti b'digriet *pendente lite*, sew jekk b'sentenza, u sew jekk b'kuntratt ta' separazzjoni. B'hekk, ir-reat hu wiehed ta' ordni pubbliku, peress illi huwa reat ta' nuqqas ta' osservanza ta' ordni tal-Qorti, liema nuqqas huwa punibbli bhala reat kriminali.

Illi l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 jiddisponi s-segwenti:

"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –

[…]

(*z*) meta hekk ordnat minn xi Qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il -persuna fi zmien ħmistax-il jum

minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma:

Izda, minkejja kull disposizzjoni oħra ta’ dan il-Kodici, l-azzjoni kriminali għal reat taħt dan il-paragrafu taqa’ bi preskrizzjoni bl-għeluq ta’ sitt xhur:

Izda wkoll meta l-ħati jkun recidiv f’kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista’ jeħel piena ta’ detenzjoni ta’ mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta’ mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerija għal zmien mhux izjed minn xahrejn.”

Illi biex dak addebitat lill-imputat jirrizulta ppruvat, huwa bizzejjed li l-Prosekuzzjoni turi li hemm ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-manteniment, u li dan il-hlas ma sarx *entro* t-terminu prefiss. Fin-nuqqas ta’ prova li tali ordni giet mibdula jew varjata b’ordni ohra tal-Qorti, allura kull ma jrid jigi ppruvat huwa n-nuqqas ta’ hlas tal-ammont ta’ manteniment. Din il-Qorti ma tistax tezamina jew tiehu in konsiderazzjoni r-raguni ghal tali nuqqas, izda *semmai* tkun biss tara li dik ir-raguni tigi riflessa fil-piena, jekk ikun il-kaz. Illum hemm skorta ta’ sentenzi tal-Qorti tal-Appelli Kriminali li huma univoci fuq dan ir-reat. Hekk, per ezempju, gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Louis Grixti**, deciza fis-7 ta’ Jannar 2010:

“Illi l-ewwel aggravju hu li l-appellant mhux qieghed f’ possibilita’ ragjonevoli li jhallas fil-pront l-ammonti in kwistjoni.

Illi dato u koncesso li l-appellant veru kellu incident awtomobilistiku w li per konsegwenza ta’ dan tilef l-impieg tieghu, kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fl-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Anthony Saliba”** [15.7.1998], il-fatt li persuna tisfa’ bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi,

tipprovdi billi *se mai* timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet. (ara ukoll f' dan is-sens App. Krim. **Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri** [18.9.2002] u ohrajn).

Fi kliem iehor, sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja w r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) w tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tal-istess Qrati, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha.

Illi umbaghad, apparti li din il-Qorti mhux sodisfatta li l-appellant kien fl-impossibilita' fizika li jwettaq l-obbligi tieghu skond id-Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-perjodu in kwistjoni, tant li llum hallas l-ammont dovut, kif isostni ANTOLISEI fil-"Manuale di Diritto Penale" {Parte Generale, Giuffre' (Milano) 1989, p.376.}, l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani hi li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza. (ara: App. Krim**. Il-Pulizija vs. Kang Se Il** [28.7.94] per V. De Gaetano J.).

Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta' natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta' kopja legali tad-Digriet relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-perjodu imsemmi fil-komparixxi u - *trattandosi* ta' reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament. Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f' certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoini ghall-fini tal-applikazzjoni tal-

piena, fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta' detenzjoni jew ammenda jew addirittura dik ta' twiddiba w canfira, apparti xi wahda mill-provvedimenti applikabbli skond il-Kap. 446."

Hekk ukoll kienu rritenew is-sentenzi ta' dik il-Qorti fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Borg**, deciza fid-19 ta' Ottubru, 2009, **Il-Pulizija vs. Lawrence Mifsud**, deciza fil-15 ta' Ottubru, 2009, u **Il-Pulizija vs. Nicholas Azzopardi**, deciza fit-30 ta' April, 2009, fost hafna sentenzi ohra.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ma hallasx il-manteniment dovut minnu fix-xhur indikati fl-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta bl-aktar mod car illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali datata 30 ta' April 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicholas Azzopardi**, il-Qorti kienet qalet hekk:

"Ghar-rigward tal-aggravju tal-forza magguri, bazat fuq il-massima legali *"nemo ad impossiblilia tenetur"*, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza stabbilita fir-rigward. Anki jekk hu minnu li l-appellant qabdu xi *breakdown* jew *depression*, ma hadimx aktar u spicca bla introjtu, l-patt minnu assunt fil-kuntratt ta' separazzjoni kien jibqa' vigenti sakemm ma ssirx xi novazzjoni tal-kuntratt jew bonarjament jew *"ope magisterium*". Sakemm il-patt kontrattwali ma jigix hekk varjat, l-appellant kien ghadu obbligat li jivversa lill-martu l-ammonti miftehma.

Jekk hu hass li kienu nbidlu c-cirkostanzi, kien imissu pproceda quddiem il-Qorti kompetenti biex ivarja dan l-obbligu tieghu w mhux jaghmel fuq sentejn ma jaghmel

xejn, umbaghad, meta jigi mharrek ghal nuqqas ta’ hlas ta' manteniment, jeccepixxi l-impossibilita' fizika li jadempixxi l-obbligi tieghu.

[…]

Fid-dawl ta’ din il-gurisprudenza w dak li jiddisponi l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9, hu ovvju li dak li japplika ghall-varjazzjoni ta’ digriet jew sentenzi tal-Qorti japplika wkoll ghall-kazijiet fejn il-manteniment ikun gie miftiehem b’kuntratt ta’ separazzjoni, (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Norbert Borg** [30.4.2003], **Il-Pulizija vs. Emanuel Bugeja** [19.2.2004] u ohrajn).”

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont dak li nghad hawn fuq, m’hemmx dubju li ghandha tinstab htija fl-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18 u 338(z) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundanah sitt (6) gimghat detenzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------